# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Digriet

Każ numru 3890/JHP

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

Yasmine Bolteel
( ID No 201499(M)

u

Lynette Zerafa u Southeast Cafe

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: James Henry Pearsall**

Illum : 18 ta' Jannar, 2021

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ppreżentat minn Yasmine Bolteel fir-registru tal-Qorti tal-Gustizzja nhar is-16 ta' Settembru, 2020, fejn isosstni illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, r-raguni tat terminazzjoni prezentat mill-principal ma hi xejn ghajr tentattiv da parti tal-istess principal sabiex tohrog mill-obbligi taghha imposti f'artiklolu 36 ta' kapitolu 452 tal-l
Ligijiet ta' Malta, stante li l-esponenti ma nghatat l-ebda avviz rigward it-terminazzjoni tal-kuntratt tas-servizz jew inkella xi forma ta' kumpens.

Min-naħa tas-soċjetà intimata, fid-dikjarazzjoni taghha ghal-kaz ta Lynette Zerafa, detentrici tal-karta ta l-identita bin-numru 514182(M) f'isimha u bhala sid in-negozju Southeast Cafe' ta Wilga street , Marsaxlokk MXK 1320. Teccepixxi bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrenti Yasmine Bolteel huma nfondati fil-fatt u fi dritt u li it-terminazzjoni ta' l-impieg saret skont il-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante;

Eccezzjonijiet fil-Mertu:

Preliminarjament l-esponenti jeccepixxu li azzjoni proposta hija perenta bil-mghodija taz-zmien perentorju ta' erba xhur hekk kif stabbilit f'subinciz (3) tal-Artikolu 75 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta . Ir-rikkorenti abbandunat ix-xoghol nhar it-30 ta' April, 2020 u hija intavolat il-proceduri fit 18 ta' Settembru 2020;

2. **Ir-rappreżentanza:**

Ms Yasmine Bolteel li minn issa il-quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti ser ikun irrapprezentat mill-Avv: Josette Sultana.

Ms Lynette Zerafa u Southeast li minn issa il-quddiem ser tissejjah is-socjeta intimata ser tkun rapprezentata mill. Avv: Andrew Grima mghejjun minn l-Avv: Lucio Sciriha.

3. **Kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali**:

It-Tribunal wara li fela id-dokumentazjoni kif lilhu pprezentata miz-zewg partijiet, fil-kunsiderazzjonjiet tiegħu ikkonferma lit-terminazzjoni tar-rikorrenti kif mahruga mill-Job's Plus u li giet indikata bid data tat 30 ta' April 2020, (Dok H). Ir-raguni mghotija bl-ebda mod ma giet ikkontestata quddiem l-Awtorita Nazzjonali Tax-Xoghol, il-fora pertinenti fejn ir-rikorrenti setghet tikkontesta ir-raguni tat-terminazjoni, meta illum tali talba tkun qabzet iz-zmien perentorju taghha ukoll.

Bl-istess mod It-Tribunal ivverifika id-data, tat-talba taghha lill dan it-Tribunal minhabbba allegata tkeccija ingusta permezz ta' rikors sottomess mir-rikorrenti, u li din hija is-16 ta Settembru 2020.
It-Tribunal wara li ikkonferma l-avviz legali L.N. 97 tal-2020, b'riferenza ghal gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja fil perjodu ta-panadenija (16 ta' Marzu 2020 sa l-4 ta Mejju 2020), innota li il-perjodu ta' erba xhur skond l-Art 75 sub art (3) tal Kap 452 gie maqbuz . It-Tribunal irrefera ghad-decizzjoni (Nru 2512) mghotija mic-Chairperson Dr: Martin Fenech ta' Doreen Camilleri vs Agenzija MEPA 26/02/2018.
It-Tribunal ikkonferma ukoll mac-COCP Art 103 kif ukoll il-European Convention of limit of time Art 5, Limits 16 v 1972 fejn huwa ferm car min meta jibda u kif ghandhu jigi kalkolati il-perjodu perentorju skond il-ligi, ghas-sottomissjoni tal-kaz, ma giex osservat.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jiddeciedi li is-sottomissjinijiet tal-kaz minn naha tar-rikorrenti kienu tardivi skond kif mehtieg bil-ligi u m a jistax jiehu konjizzjoni tal-kaz.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu (€93.17).

Iffirmat : James Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja